MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 14 ta’ Mejju 2018**

**Kumpilazzjoni numru 262/2003**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**

**vs**

**George Vella (ID: 295674M)**
**Frankie Pace (ID: 319679M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **George Vella** u **Frankie Pace** talli fil-Furjana nhar is-16 ta’ Marzu, 2003 wara nofsinhar, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti li jikkonsistu f’ghodda u apparat iehor u flus kontanti li jiswew aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000 minn gewwa hanut bl-isem ‘Jubilee Ironmongery’ li huwa sitwat gewwa Triq San Tumas, il-Furjana, ghad-dannu ta’ Paul Cacciattolo liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u l-valur.

Akkuzati wkoll talli fix-xhur ta’ qabel is-17 ta’ Marzu, 2003 f’Malta xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa jew li gew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Fl-ahharnett akkuzati talli huma ricedivi b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti permezz ta' digriet datat 26 ta' Ottubru 2017 wara li kienet giet differita *sine die* minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Gunju 2009;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat l-atti processwali;

Semghet liz-zewg imputati jammettu l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghhom fis-seduta tal-lum, liema ammissjoni giet rikonfermata wara li l-Qorti tathom zmien jergghu jahsbuha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena fejn kemm id-difiza u kemm il-Prosekuzzjoni ddikjaraw li l-ahjar mod kif din il-Qorti tista' titratta mal-imputati hu illi jigu segwiti biex ikomplu mexjin fit-triq it-tajba, anke jekk prezentement jinsabu fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

**Ikkunsidrat**:

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw serqa li saret fis-16 ta' Marzu 2003 minn gewwa l-hanut bl-isem Jubilee Ironmongery gewwa l-Furjana.

Illi jirrizulta illi miz-zmien tas-serqa inkwistjoni ghaddew iktar minn hmistax-il sena. Ghalhekk in vista tal-ammissjoni u tat-trapass taz-zmien il-Qorti hija propensa li titratta mal-imputati billi tkompli tghinhom jirriabilitaw rwiehhom, kif jidher li ghandhom ir-rieda li jaghmlu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, fuq ammissjoni tal-imputati, qieghda tiddikjara lill-istess imputati hatja tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghhom u tpoggi lil George Vella u lil Frankie Pace taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tliet (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni

moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tliet (3) snin u/jew jekk ma joqoghdux ghall-ordnijiet lilhom moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta' Probation tigi moghtija minnufih lill-imputati u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal tal-probation li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat.

Finalment il-Qorti tordna lill-hatja George Vella u Frankie Pace ihallsu l-ispejjez tal-periti nominati f'din il-kawza fi kwoti indaqs bejniethom fi zmien sitt (6) xhur minn meta jigu notifikati bl-istess spejjez mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur